

Brussell, 4 ta' Settembru 2026
(OR. en)

12806/26
ADD 1

DELECT 137
PECHE 327

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 6205 annex
Suġġett:	ANNESS għar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../.... li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tad-denfil komuni (<i>Delphinus delphis</i>) u ta' ċetaċċi żgħira oħra fil-Golf tal-Biskalja

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 6205 annex.

Mehmuż: C(2026) 6205 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.9.2026
C(2026) 6205 final

ANNEX

ANNESS

għar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../....

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tad-denfil komuni (*Delphinus delphis*) u ta' ċetaċċi żgħar oħra fil-Golf tal-Biskalja

ANNEX

Il-parti A tal-Anness XIII hija emendata kif ġej:

- (1) fil-punt 1.1(b), l-entrata għas-subżona 8 tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

“Żona	Rkaptu
Is-subżona 8 tal-ICES	Xbieki tat-tkarkir pelaġiku ta' nofs l-ilma (OTM, PTM, TM) u xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi (PTB)(**)

(**) Din il-miżura għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2027.”

- (2) il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Miżuri speċjali fil-Golf tal-Biskalja (Subżona 8 tal-ICES)

4.1 Għeluq għas-sajd:

Is-sajd għandu jkun ipprojbit fl-ilmijiet Franċiżi sal-limitu estern taż-żona ekonomika esklużiva ta' Franza fis-Subżona 8 tal-ICES tul perjodu ta' 30 jum konsekuttiv bejn il-15 ta' Jannar u s-27 ta' Frar għal bastimenti ta' aktar minn 8 metri li jgħorru abbord xbieki tat-tkarkir pelaġiku (PTM, OTM), xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi (PTB), tartaruni tal-borża (PS), għeżula tal-qiegħ (ankrati) (GNS), pariti (GTR) jew għeżula u pariti kkombinati (GTN). Sa mhux aktar tard mit-8 ta' Jannar 2027, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd ikkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar it-30 jum konsekuttiv li matulhom se jkunu soġġetti għal dak il-perjodu ta' għeluq. Jekk dik in-notifika ma ssirx, il-bastimenti tas-sajd ikkonċernati għandhom ikunu soġġetti għal dak il-perjodu ta' għeluq mit-22 ta' Jannar sal-20 ta' Frar 2027.

4.2 Miżuri ta' monitoraġġ:

4.2.1 Il-miżuri stabbiliti fil-punti minn 4.2.2 sa 4.2.5 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2027.

4.2.2 Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd kollha tal-Unjoni għandhom jirreġistraw separatament fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd il-qabdiet aċċessorji tad-dniefel komuni u ta' ċetaċċi żgħar oħra (*), f'konformità mal-Artikolu 14(8) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

4.2.3 L-Istati Membri għandhom jiġbru d-data dwar il-qabdiet tad-dniefel komuni u ċ-ċetaċċi żgħar oħra permezz ta' osservaturi abbord jew sistemi elettroniċi ta' monitoraġġ li jinkorporaw kameras, billi jkopru:

- mill-inqas 1 % tal-isforz totali tas-sajd imkejjel f'għadd ta' jiem fuq il-baħar għas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir pelaġiku (PTM), bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi (PTB), bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti pelaġiċi (OTM), bil-pariti (GTR), bl-għeżula tal-qiegħ (ankrati) (GNS) u bit-tartaruni tal-borża (PS) tul is-sena kollha,
 - mill-inqas 5 % tal-isforz totali tas-sajd imkejjel f'għadd ta' jiem fuq il-baħar għas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir pelaġiku bil-paranzi (PTM), bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi (PTB) u bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti pelaġiċi (OTM) minn Jannar sa Marzu 2027; u
 - mill-inqas 7 % tal-isforz totali tas-sajd imkejjel f'għadd ta' jiem fuq il-baħar għall-pariti (GTR) u l-għeżula tal-qiegħ (ankrati) (GNS) minn Jannar sa Marzu 2027.
- 4.2.4 Il-kaptani tal-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jgħammru l-bastimenti tagħhom b'sistemi elettroniċi tal-monitoraġġ li jinkorporaw kameras.
- 4.2.5 L-Istati Membri kkonċernati għandhom jirrieżaminaw u jivvalutaw id-data u l-informazzjoni kollha disponibbli l-aktar reċenti dwar il-qabdiet aċċessorji tad-denfil komuni fl-ilmijiet tal-Golf tal-Biskalja tas-subżona 8 tal-ICES għall-fini tal-possibbiltà ta' aġġustament tal-għeluq tas-sajd imsemmi fil-punt 4.1.

(*) L-ispeċijiet tal-familja *Delphinidae* u tal-familja *Phocoenidae* li huma preżenti (b'mod permanenti jew temporanju) fis-subżona 8 tal-ICES”.